**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023**

**Talba Nru: 161/2021MD**

**Maria Falzon (KI nru 64754M)**

**Vs**

**ASFALTAR Ltd (C 8313)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fid-9 ta' Ġunju, 2021[1] permezz ta' liema l-attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta l-ammont ta' erba' mija u tmienja u sebgħin ewro (€478) rappreżentanti nuċċali, kif ukoll il-lenti li tkissru stante li tabelli twahhlu b'mod irresponsabbli u konsegwenza ta' dan l-attriċi ħabtet fihom. Bl-ispejjeż inkluż taż-żewg ittri legali u l-ittra uffiċjali bin-numru 2664/2020 kontra s-soċjeta' konvenuta.

Ra r-risposta ppreżentata fl-20 ta' Lulju, 2021[2] fejn is-soċjeta' konvenuta eċċepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fir-rigward tas-soċjeta' esponenti in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 7 *et seq* tal-process.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti teħtieġ li ġġib prova tal-allegazzjonijiet magħmulha minnha u tad-danni allegatament sofferti minnha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Illi l-Ħadd 4 ta' Ottubru, 2020, l-attriċi ħabtet ma tabella li kienet imwaħħla fil-baxx ħafna u li ma kienetx tidher min-naħa ta' wara stante li kien griż skur u ma kellha ebda dawl sabiex persuna tista tara din it-tabella. Illi dan l-inċident seħħ għaliex is-soċjeta' attriċi waħħlet it-tabelli b'mod irresponsabbli. B'konsegwenza ta' dan l-inċident hija kissret in-nuċċali li sabiex jiġi rimpjazzat kien jiswa erba' mija u tmienja u sebgħin ewro (€478). Hija kitbet lil Kunsill Lokali ta' Marsascala kif ukoll lil Transport Malta li ndikaw li s-soċjeta' konvenuta kienet responsabbli mit-twaħħil ta' dawn it-tabelli.

Is-soċjeta' konvenuta eċċepiet li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċhuda fir-rigward tagħha stante li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt. In oltre, ir-rikorrenti teħtieġ iġġib prova tal-allegazzjonijiet magħmula minnha u tad-danni allegati sofferti.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **Maria Falzon**[3] fejn spjegat li l-Ħadd 4 ta' Ottubru, 2020 waqt li kienet miexja fuq il-bankina, fi Triq il-Qalet, Marsascala, sabet tabella ma wiċċha. Spjegat li fuq wara ta' din it-tabella kien griż ċar u allura ma kienetx tidher. Apparti hekk it-tabella kienet qiegħda fil-baxx ħafna allura sabet it-tabella sħiħa ma wiċċha. Riżultat ta' dan l-inċident hija kissret in-nuċċali u soffriet ġrieħi f'wiċċha. Kompliet tispjega li l-ispiża tan-nuċċali kienet tammonta għal-erba' mija u tmienja u sebgħin ewro (€478). Kompliet tispjega li ż-żona fejn tinstab it-tabella hija żona mudlama ħafna. Hija bagħtet ittra lil-Kunsill Lokali fejn ġiet injorata u għalhekk intbagħtet ittra uffiċċjali bin-numru 2664/20 lil Kunsill Lokali ta' Marsacala, li kienet ippreżentat nota illi Transport Malta kienet responsabbli tat-tabelli. Wara li kitbet lil Transport Malta, kienu wieġbu li t-tabelli kienu twaħħlu mill-kuntrattur Asfaltar Ltd. Minkejja li kienet baghtet ittra legali lis-soċjeta' konvenuta, hija qatt ma rċiviet risposta u għalhekk kienet għadha mingħajr kumpens.

[3] *A fol* 18 *et seq* tal-process.

Fil-kontro-ezami, qalet li bejn wieħed u ieħor l-inċident sar għal xi sebgħa jew is-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, iżda ma setgħetx tiftakar il-hin eżatt. Din il-parti tat-triq ftit kellha dawl u kien għalhekk ma ratx it-tabelli. Kien hemm ħwienet, fuq il-lemin kien hemm bar u l-BOV iżda iktar 'l isfel ma kienx hemm dawl. Spjegat ukoll li l-post ma kienx imwarrab. It-tabelli kienu ħdejn it-*traffic lights*.

**Kunsiderazzjonijiet**

Din il-kawża titratta dwar danni kkaġunati lill-attriċi minħabba li tabelli mwaħħlin fit-triq kienu fil-baxx wisq, u li b'konsegwenza ta' dan hija soffriet danni.

L-artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

L-Arikolu 562 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

> *Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*

Għalhekk it-Tribunal irid jara jekk id-danni sofferti mill-attriċi humiex attriwibli lis-soċjeta' konvenuta.

Illi l-attriċi fl-affidavit tagħha qalet illi meta bagħtet l-ittra uffiċjali lil Kunsill Lokali ta' Marsascala kienu irrispondew b'nota li kienet tgħid li Transport Malta kienet responsabbli għat-twaħħil tat-tabelli. Min-naha l-oħra meta bagħtet lil Transport Malta huma kienu rrispondew illi t-tabelli kienu twaħħlu mis-soċjeta' konvenuta. Fl-affidavit tagħha l-attriċi għamlet referenza ghal dawn id-dokumenti senjatament Dok G, Dok H, Dok I u Dok J, liema dokumenti ma jirriżultawx mill-atti. Nonostante dan, it-Tribunal ħa konjizzjoni tal-att ġudizzjarju bin-numru 2664/20 indikat mill-attriċi.

Fir-rikors promutur l-attriċi spjegat illi bl-ebda mod ma setgħet tara t-tabella minn wara stante li l-kulur kien griż skur filwaqt illi fl-affidavit tagħha, hija qalet

> *…Din it-tabella kienet fuq in-naħa ta' wara kienet griz car allura ma setghetx tidher minn wara fejn fil-fatt jien hbat go fiha. (Dok A)…*

Mir-ritratt prodott, kif ukoll żewg fotokopji ta' ritratti ohra ta' fejn tinsab it-tabella, ma jirriżultax jekk il-kulur griż kienx ċar jew skur.

Illi in oltre, mill-provi u dokumenti prodotti mill-attriċi ma jirriżultax min effettivament kien inkarigat sabiex iwaħħal it-tabelli, u jekk it-tabelli twaħħlux b'mod irresponsabbli.

Għalhekk, dan it-Tribunal ma jistax jidentifika min wettaq ix-xogħol tat-tabella mertu tal-inċident, u għalhekk ma tistax issib lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni reklamati mill-attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-każ billi jiċħad it-talbiet attrici, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta.

L-ispejjeż tal-kawża jithallsu unikament mill-attriċi.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**